MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Numru. 651/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**Vs**

**Audrey Buttigieg bint George u Vincenza nee' Refalo imwielda ffit-23 ta' Lulju 1976 u residenti Dar Buttigieg, Vjal it-08 ta' Settembru, Xaghra, Ghawdex detentrici tal-karta tal-identita' numru 20376(G)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmija Audrey Buttigieg li giet akkuzata talli nhar il-14 ta' Awwissu 2010 ghal habta ta' 23:30 hrs fi Pjazza Vittorja, Xaghra, Ghawdex:

1. bi ksur tal-kundizzjoni tal-licenzja li tippermetti t-tqieghed ta’ mwejjed u siggijiet ai termini ta’ l-artikolu 15(1) tal-A.L. 128 tal-2002 kif sussegwentement emendat, bhala detentur tal-licenzja u ghalhekk persuna responsabbli mit-tmexxija ta’l-istabbilment RUBBLE BAR li qieghed ix-Xaghra, poggiet jew ippermettiet li jitpoggew imwejjed u siggijiet barra l-ispazju permess mil-licenzja u dana bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-licenzja ta’ l-imsemmi stabbiliment skond l-artikolu 23(1) tal-A.L. 128 tal-2002 bi ksur tal-Art 43(1)(b) Kap 409.
2. u aktar talli saret recidiva b’diversi sentenzi moghtija nhar is-27.09.2005, 18.03.2008 u 17.05.2009 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra. (Art49 Kap9).

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi f’dina l-kawza l-Qorti tista’ tistrieh fuq ix-xhieda moghtija mill-imputata stess fejn hija tistqarr illi hija talbet ghall-permess lis-sindku ghall-jum indikat fl-akkuza, izda sussegwentement huwa infurmaha illi nesa jaghmlu. Tghid illi madanakollu hija lahqet armat u meta kellmuha l-pulizija hija saret taf illi fil-fatt is-sindku lanqas kien hallas ghall-permess. Dana huwa ikkonfermat mis-sindku tax-Xaghra Joseph Cordina fejn huwa jikkonferma illi l-imputata talbitu japplika ghall-permess ghan-nom taghha, izda nesa jaghmel dan u ghalhekk il-permess qatt ma hareg. L-imputata ghalhekk tammetti illi hija armat bl-imwejjed u s-siggijiet meta ma kelliex il-permess f’idejha u strahet fuq dak li kien qalilha s-sindku. Fil-fatt ghalkemm is-sindku jistqarr illi hija kienet kellmitu madwar gimgha qabel il-jum indikat fl-akkuza madanakollu hija ma regghetx ivverifikat mieghu qabel ma armat jekk il-permess kienx hareg.

Illi ghalhekk l-ewwel akkuza tirrzulta ampjament ippruvata. Illi l-istess jista' jinghad dwar l-akkuza tar-recidiva minn fejn jirrizulta illi l-imputata diga nstabet hatja ghal iktar minn darba dwar reati simili. Illi madanakollu f'dana l-kaz dina l-Qorti hija tal-fehma li ma ghandhiex tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta billi l-imputata ma ghandhiex twiegeb wahedha ghal dana n-nuqqas peress illi kien bi traskuragini ta' haddiehor li waslet biex ikkomettiet ir-reat in dizamina. Fi kwalunkwe kaz fl-akkuza l-Prosekuzzjoni tindika biss l-artikolu 49 u mhux ukoll l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 15(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 409.08, l-artikolu 43(1)(b) tal_Kapitolu 409 u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib l-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha u tikkundannaha multa ta' €2300.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------